# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Artikoli 110 (1) u 110 (2) tal-Kap. 9 u**
**Artikolu 49 ( c) tal-Kap. 399**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Numru: 974/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Mariella Hammett**
**(Karta tal-Identita' numru: 587277M)**

**Illum 3 ta' Dicembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-akkuzata **MARIELLA HAMMETT** ta' tnejn u tletin (32) sena, bint Ronald u l-mejta Lilian nee' Lawrence, imwielda Pieta' fit-13 ta' Novembru, 1977 u residenti gewwa Appartamenti Indipendenza, Flat 1, Triq il-Villa ta' l-Ammirall, Blokk 1, Ent. C, Kalkara, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 587277M, tressqet quddiemha akkuzata talli:

1. Nhat it-3 ta' Ottubru, 2008 f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li taghmel hsara lil Salvatore Gatt ta' disgha w hamsin (59) sena, detentur tal-karta tal-identita' numru 468450M, akkuzatu quddiem awtorita' kompetenti b'reat, cioe' li kellu hwejjeg misruqa fil-pussess tieghu;

2. U aktar talli ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva, reat li kienet taf li ma sarx u bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew procedure kriminali kontra l-istess Salvatore Gatt;

3. U talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih billi rrapportat reat lill-pulizija.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tapplika garanzija fuq il-persuna ta' Salvatore Gatt skond Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' estratt mill-att tat-twelid ta' l-akkuzata (fol. 6), Kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 7), Fedina Penali (fol. 8), certifikat mediku (fol. 9), DVD ssigillata go envelop kannella (fol. 10) u okkorrenza (fol. 11 et seq.).

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat li fid-19 ta' Mejju, 2010 xehdet **Charmaine Galea Triganza** in rapprezentanza ta' Go p.l.c. wara li giet ezentata mis-sigriet professjonali. Hija pprezentat lista ta' telefonati li dahlu fuq il-linja 112 fit-3 ta' Ottubru, 2008 bejn it-tlieta w nofs (3.30) u l-erbgha w ghaxra (4.10) ta' wara nofsinhar mill-mobile bin-numru 79954394, liema lista giet immarkata bhala Dok. CGT1. (fol. 16 et seq.). Ix-xhud irriferiet ghat-telefonata mmarkata bin-numru 37 fuq il-lista esebita minnha, liema

telefonata tidher li saret minn fuq il-mobile imsemmi. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud qalet li dan in-numru ma baqax klijent tal-kumpanija Go sa mid-19 ta' Dicembru 2008 w inoltre qalet li meta kien klijent taghhom, dan ma kienx registrat.

Rat li fid-19 ta'Mejju, 2010 xehed ukoll **Salvatore Gatt** fejn qal li f'Ottubru tas-sena 2008 kien sar rapport lill-Pulizija fil-konfront tieghu. Spjega li darba minnhom waqt li kien sejjer lura d-dar mix-xoghol, cemplitlu l-mara fejn qaltlu li kienu marru jfittxuh il-pulizija wara rapport li sarilhom li huwa kien hatt fil-garaxx tieghu affarijiet suspettuzi. Jghid li martu kienet cemplitlu waqt li l-pulizija kienu ghadhom id-dar u peress li hu kien ghadu x-xoghol kien tahom il-permess biex jaqbdu w jinzlu jaraw x'kien hemm fil-garaxx. Qal li fil-fatt dawn hekk ghamlu w ma sabu xejn. Kompla li kif wasal mix-xoghol, mar l-ghassa ta' Birzebbugia kif kien mitlub jaghmel. Hemmhekk kellem lis-surgent li nfurmah li kienu marru ghandu wara li rcevew telefonata.

Kompla li f'din it-telefonata, li saret nhar it-3 ta' Ottubru, 2008 gewwa d-Depot, il-persuna li cemplet qalet lill-pulizija li dak il-hin stess kienet qeghda tarah idahhal oggetti suspettuzi fil-garaxx. Zied li dak iz-zmien xoghlu kien li jaghmel 'tracing' fuq telefonati mal-kumpanija Go, u allura kien midhla tal-pulizija. Ghaldaqstant ikkuntattja lis-Supretendent Pietru Pawl Zammit u nfurmah b'kollox, u dan assigurah li kien se jaghmel il-verifiki mehtiega, u fil-fatt hekk ghamel ghax xi hin wara kienu gew mitkellma xi girien.

Ix-xhud kompla li wara certu zmien, is-Supretendent Zammit kien baghat ghalih biex jisma' 'recording', u minn hawn huwa gharaf min kienet il-persuna li ghamlet it-telefonata, cioe' li kienet l-imputata Mariella Hammett. Spjega li dak iz-zmien huwa kellu kawza kontra s-sieheb tal-imputata, Kevin Pace, u li dawn kienu jghixu f'appartament li krielhom hu gewwa Wied il-Ghajn. Inoltre spjega li l-kawza ta' bejniethom kienet wahda civili dwar xi flus li Pace kellu jtih. Qal li fit-30 ta' Settembru, 2008, l-imputata kellha tixhed fil-kawza civili izda minflok kienet ghamlet affidavit, u billi din id-data kienet vicin id-data tat-telefonata, huwa w martu ssuspettaw li setghu kienu l-imputata w

Pace. Ghalhekk meta sema' l-vuci fuq ir-'recording' ikkonferma s-suspetti tieghu. Qal li l-imputata w Pace damu ftit inqas minn sentejn fil-post tieghu, li sa fejn jaf hu kien krielhom fl-2005.

In kontro-ezami x-xhud qal li l-kawza civili li ghamel kontra Kevin Pace, kienet dwar hlas ta' kera tal-flat, u xi pendenzi dwar hlasijiet ta' dawl u ilma w xi hsarat fil-flat. Mistoqsi mid-difiza allura f'hiex tidhol f'din l-istampa Mariella Hammett, wiegeb li kull xahar meta kien imur jigbor il-kera jew ghal xi tiswijiet, dejjem sab lil Hammett hemm flimkien ma' Kevin Pace. Sostna li kien imur jigbor il-kera darba fix-xahar, generalment wara l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar u zied li d-drabi li mar jaghmel tiswijiet ma kinux frekwenti. Cahad li qatt ghamel xi rapport lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali rigwardanti Mariella Hammett. Mistoqsi wkoll jekk il-fatt li Mariella Hammett kienet qeghda tigi nvestigata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali issemmiex fil-proceduri civili, jghid li ma jiftakarx li ssemmew u lanqas jinteressah. Isemmi li darba minnhom kien fl-appartament mikri lill-imputata w lil Pace, u waqt argument li kellhom Hammett kienet qaltlu li kienet ser tirrapportah lid-Dipartiment tal-Inland Revenue ghaliex skond hi l-flus tal-kirja li kien idahhal minghandhom hu ma kienx jiddikjarahom fl-Income Tax, u fil-fatt dan ir-rapport kien sar.

Imbaghad qali li effettivament hu kien tkellem ma' certu Tony li jahdem l-ETC, dwar il-fatt li Hammett kienet ghamlitlu dan ir-rapport meta hi ahjar 'tara taghha fil-kamp tal-Beneficcji Socjali'. Jghid li dan seta' kellu kuntatti ma' nies fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

**Salvatore Gatt** rega' xehed in kontro-ezami fit-22 ta' Novembru, 2013fejn ikkonferma li huwa kien jikri flat lis-sieheb tal-akkuzata meta l-akkuzata kienet tghix mieghu. Qal li pprova jaghmel rapport kontra l-akkuzata lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, pero' qal li ma jafx jekk haduhx. Meta mistoqsi x'wasslu jaghmel dan ir-rapport jghid li ghamlu wara argument li nqala' meta mar jigbor ic-cavetta fl-ahhar tal-kirja w huma ma riedux ihallsuh tad-dawl, u waqt l-argument l-akkuzata hedditu li tirrapurtah lid-Dipartiment tal-Income Tax ghax naqas li jiddikjara d-dhul mill-kiri tal-flat, allura hu wegibha li seta' jirrapurtaha li tiehu flus tas-Servizzi Socjali hziena. Jghid li ghalih kien battibekk, pero' wara

certu zmien ircieva minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u ntebah li rrapurtatu. Sussegwentement hu kien tkellem ma' habib tieghu li jahdem l-ETC u qallu x'gara w dan qallu biex ihalli f'idu, pero' jekk ittihdux proceduri kontriha ma jafx.

Kompla biex qal li huwa ghandu zewg garaxxijiet fl-istess triq, wiehed minnhom, cioe' dak li fittxewlu fih, jinfed mad-dar u iehor faccata. Spjega li dakinhar li marru l-pulizija jfittxulu, hu kien fil-karozza sejjer lura lejn id-dar mix-xoghol, meta cemplitlu l-mara biex tghidlu li kienu marru jsaqsu ghalih il-pulizija w li riedu jkunu jafu jekk kienx mar id-dar wara nofsinhar biex ipoggi xi affarijiet fil-garaxx. Sostna li dakinhar kien xoghol il-gurnata kollha w zgur ma resaqx lejn id-dar. Qal li l-pulizija kellhom jistennewh id-dar, pero' meta wasal ma sabhomx u fil-fatt mar ikellimhom l-ghassa. Ftakar li kien tahom permess ifittxu fil-garaxx li jinfed mad-dar ghalkemm hu ma kienx prezenti, izda ma sabu xejn. Rega' spjega li l-pulizija kienu nfurmawh li dahal rapport u kienu qed jissuspettaw li dahhal xi kontrabandu fil-garaxx. Haseb x'seta' gara w peress li kien jahdem ma' kumpanija tat-telefonija, w proprjament kien jittrejsja t-telefonati, w kellu kuntatti mas-Sur Pietru Pawl Zammit, kien kellem lis-Sur Zammit u halla f'idejh biex imexxi hu.

Mistoqsi jekk minbarra l-incident tal-battibekk dwar taxxa u servizzi socjali, kienx hemm incidenti ohra, spjega li kien fethilhom kawza civili li waslet anke sal-Appell, dwar nuqqas ta' hlas ta' kera w dawl. Qal li fil-fatt kien rebah il-kawza w sadanittant dahlet it-telefonata in kwistjoni.

Qal li huwa dejjem kien jahdem bhala Inginier mat-Telemalta, u fl-ahhar tmien snin qabel irtira kien jahdem mal-Internal Audit Fraud and Security fejn kien jghin lill-pulizija jittrejsjaw telefonati ta' theddid u ohrajn simili. Dwar it-telefonata li tirrigwarda lilu qal li peress li jaf li t-telefonati jkunu rrekordjati kien kellem lis-Sur Pietru Pawl Zammit u dan wara xi zmien kien baghat ghalih u semmaghlu t-telefonata li minnha gharaf lehen l-akkuzata Mariella Hammett, li huwa gharaf prezenti fl-Awla.

Fid-19 ta' Mejju, 2010 dehret **Rita Gatt** li kkonfermat li tigi mart Salvatore Gatt. Din regghet xehdet fid-29 ta' Ottubru, 2010 fejn qalet li

f'Ottubru 2008 waqt li kienet go darha f'Birzebbugia, marru zewg pulizija w li wiehed minnhom infurmaha li kien dahlilhom rapport li zewgha deher idahhal xi affarijiet fil-garaxx. Qalet li dak il-hin zewgha kien ghadu xoghol u l-pulzija tawha permess iccempillu w infurmatu x'kien qed jigri, fejn hu qalilha li ma kellu ebda oggezzjoni li l-pulizija jmorru jfittxu fil-garaxx. Tghid li waqt din it-tfittxija, hija kienet prezenti, w il-pulizija nfurmawha li ma kien hemm xejn minn dak li kien hemm suspettat u li dwaru kien sar rapport. Qalet li talbuha tinforma lil zewgha biex imur jaghmel *statement* l-ghassa u hekk sar.

**Rita Gatt** xehdet in kontro-ezami fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2014. Hija qalet li zewgha prezentement huwa pensjonant, pero' qabel kien jahdem bhala Inginier mal-Maltacom u huwa dilettant tal-IT. Ikkonfermat li huma ghandhom garaxx li jinfed mad-dar u fil-fatt il-pulizija ghamlet it-tfittxija taghha biss f'dan il-garaxx.

Ftakret li kienu marru l-pulizija w infurmawha li xi hadd kien irraporta li zewgha kien qed idahhal xi affarijiet fil-garaxx u ghaldaqstant riedu jaghmlu tfittxija li mbaghad irrizultat fin-negattiv. Qalet li tul din it-tfittxija, zewgha kien fi triqtu lejn id-dar mix-xoghol u hi kienet infurmatu b'telefonata x'kien qed jigri w hu ma kellu l-ebda oggezzjoni li ssir it-tfittxija. Mistoqsija x'kienu l-oggetti li bdew ifittxu, wiegbet li l-pulizija kienu qalulha li kien apparat konness mat-telekomunikazzjoni. Ikkonfermat li taf lill-imputata bhala inkwilina taghhom u spjegat li fl-ahhar tal-kirja, Mariella Hammett u s-sieheb taghha ma ridux ihallsu d-dawl u l-kera u ghaldaqstant kienu spiccaw fil-Qorti fejn huma rebhu l-kawza.

Fit-23 ta' Frar, 2011 xehed **PS 850 Simon Buttigieg** li kkonferma li fit-3 ta' Ottubru 2008 huwa kien '*second watch*' fl-ghassa taz-Zurrieq u kien qed ilahhaq ukoll mad-Distrett ta' Birzebbugia. Qal li ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar cemplulu mill-ghassa ta' Birzebbugia fejn WPC313 infurmatu li kienet irceviet telefonata mill-Control Room, fejn kienet cemplet mara li qalet li certu Salvu Gatt, ta' Alpine Rose, Triq it-Thabbiriet, Birzebbugia, kien qed idahhal xi stereos misruqin gil-garaxx tieghu. Dak il-hin ix-xhud cempel lill-Ispettur Carlos Cordina biex jinfurmah b'dan u l-Ispettur tah struzzjonijiet biex imur jaghmel

tfittxija fir-residenza ta' Gatt. Kompla li sussegwentement din it-tfittxija, li saret fil-garaxx in kwistjoni, rrizultat fin-negattiv. Prezenti ghat-tfittxija kien hemm ukoll Rita Gatt, mart Salvatore, u li saret bil-permess taghha stess.

**PS850 Simon Buttigieg** rega' xehed fis-27 ta' Settembru, 2012 li kkonferma li kien ghamel spezzjoni fuq il-post u li meta mar fethitlu l-mara ta' sid il-proprjeta'. Huwa qal li ma jafx x'inhu xoghol sid il-proprjeta', jekk hux fil-kummerc jew jahdimx ghal rasu. Qal li kien dahal jaghmel tfittxija fil-garaxx, li jinfed mad-dar u kkonferma li ghadda mid-dar ghal gol-garaxx. Ikkonferma pero' li t-tfittxija saret biss fil-garaxx. Ix-xhud qal li meta mar fir-residenza in kwistjoni sab biss lill-mara ta' Gatt u kien qalilha li kienu qed ifittxu stereos u radios, pero' fil-garaxx ma sabu xejn. Qal li r-raguni ghaliex fittxew biss fil-garaxx, kienet li l-informazzjoni li waslitilhom kienet tghid li l-oggetti kienu gol-garaxx.

In ri-ezami x-xhud qal li huwa kien xoghol iz-Zurrieq u kien qed ilahhaq Birzebbugia. Mill-ghassa ta' Birzebbugia nfurmawh li kienu rcevew telefonata anonima li f'residenza partikolari kien hemm persuna qed jirriversja l-karozza fil-garaxx u li fil-karozza kellu xi stereos misruqin. Ghaldaqstant marru jaghmlu 'inspection'. Qal li l-persuna li kienet qed issir referenza hija kienet maskili, certu Salvatore Gatt ta' Alpine Rose, Triq it-Thabbiriet, Birzebbugia. Sostna li minn x'hin ircieva t-telefonata sakemm effettivament mar fil-post, kienu ghaddew tletin (30) minuta.

Fl-istess seduta tat-23 ta' Frar, 2011 xehdet ukoll **WPC 313 Christine Bonnici**. Hija kkonfermat li d-dokument CC6, a fol. 11 sa 12 tal-process hija okkorrenza li dahhlet hija stess. Ix-xhud iffirmat l-okkorrenza mertu tal-kaz seduta stante.

Illi nhar it-22 ta' Novembru, 2013 xehed in kontro-ezami **l-Ispettur Carlos Cordina** li beda billi kkonferma li kull telefonata li tidhol id-Depot tigi rrekordjata, ghalkemm ma kienx jaf jekk il-persuna li tkun qed iccempel tigix avzata b'dan.

Illi fl-10 ta' Novembru, 2014 xehed **PC 339 Claudio Baldacchino**, stazzjonat l-IT Section tal-pulizija. Ix-xhud kien gie mitlub jaghmel ricerka dwar telefonata li saret fit-tlieta (3) ta' Ottubru, 2008. Qal li din it-telefonata saret minn fuq il-mobile bin-numru 79954394 lejn il-linja tad-Depot. Esebixxa kopja ta' din it-telefonata li giet immarkata bhala Dok. Z. Qal li r-'request' biex itella' din it-telefonata saret mill-Control Room ghalkemm ma jafx ezattament min ghamilha.

L-istess xhud rega' xehed in kontro-ezami fl-14 ta' Mejju, 2015 fejn qal li kien gie mitlub mis-Supretendent Peter Paul Zammit biex itella' telefonata li saret fit-3 t'Ottubru 2008 ghall-habta tal-erbgha neqsin hdax-il minuta (15:49) ta' wara nofsinhar minn telefown numru 79954394 lejn il-linja tal-Emergenza 112. Huwa ddikjara li din it-telefonata damet tliet minuti w hames sekondi. Esebixxa kopja tar-'request' tas-Supretendent Zammit, li giet immarkata bhala Dokument CSH. Ix-xhud qal li ma semax it-telefonata in kwistjoni.

Ili l-imputata ma xehdtx kif kellha kul dritt tghamel u lanqas ma jirrizulta li rrilaxxjat xi stqarrija.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru 2015 dehru l-avukat difensur ta' l-imputat u l-Ufficjal Prosekutur li ttrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-fatti in breve kienu s-segwenti, w cioe' li l-pulizija fuq il-linja tad-Depot kienet irceviet telefonata anonima fuq il-linja taghha 112 fejn persuna b'vuci femminili rrapportat li Salvatore Gatt ta' 24, '*Alpine Rose*', Triq it- Thabrik, B'Bugia kien qed jirriversja l-vettura tieghu fil-garaxx li ghandu mad-dar, u minn go fiha kien qed inizzel numru ta' *stereos*, u dan kif gie kkonfermat minn WPC 313 Christine Bonnici, l-pulizija li hadet l-okkorrenza esebita fl-atti a fol 11 (Dok.CC6). Jirrizulta wkoll li din it-telefonata li saret fid-Depot giet irrekordjata w kopja ta' dan ir-*recording* tinsab esebita fl-atti a fol. 75 u mmarkata bhala Dok. Z, minn liema *recording* Salvatore Gatt gharaf

lehen l-imputata. Dan il-fatt qatt ma gie michud jew kontestat mill-imputata.

Jirrizulta li effettivament l-imputata flimkien ma' persuna ohra kienu nkwilini tas-Sur Gatt, u li meta dan mar sabiex jigbor l-ahhar kirja w jithallas tad-dawl u l-ilma, l-imputata w is-sieheb taghha ma riedux ihallsuh, tant li skond Gatt dawn spiccaw ghamlulu xi rapport lill-awtoritajiet koncernati. Illi dan ir-rapport qatt ma gie kontestat mill-imputata w lanqas l-allegazzjoni ta' dak li qal Gatt, cioe' li gharaf il-vuci taghha, ma giet kontestata. F'din it-telefonata jirrizulta bic-car li l-imputata qalet lill-pulizija li nhar it-3 t'Ottubru 2008, Salvatore Gatt kien qed inizzel xi *stereos* fil-garaxx tieghu.

L-avukat difensur isostni li dawn ir-reati moghtija fil-konfront tal-imputata ma jistghu jirrizultaw qatt ghaliex meta l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Gatt ma fittxewx fid-dar adjacenti mal-garaxx, (liema garaxx jinfed minn gewwa) izda llimitaw ruhhom ghall-garaxx biss, stante li r-rapport li kellhom kien jikkoncerna l-garaxx biss. Ghalhekk id-difiza ssostni li dak li gie rapportat fil-konfront ta' Gatt seta' kien veru w konsegwentement ma tistax tinstab htija fil-konfront ta' l-imputata.

## **Kunsiderazzjoni Legali.**

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fil-proceduri odjerni principalment huma dawk ta' kalunja reali jew indiretta kontemplata fl-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u simulazzjoni, reali jew indiretta w verbali jew diretta, ta' reat - kif kontemplati fl-Artikolu 110(2) tal-istess Kapitolu 9, apparti r-reat ta' uzu hazin ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni, ai termini tal-Artikolu 49( c) tal-Kap. 399.

Illi pero' qabel ma tidhol fil-fond tal-kumpless kollu tal-provi kollha prodotti fil-mertu, l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tieqaf biex tiehu in konsiderazzjoni xi punti ta' dritt u xi provi li ma jidhrux li huma in kontestazzjoni biex tara x'konkluzjonijiet tista' tislet minnhom, tenut

kont ta' l-imputazzjonijiet in ezami w l-elementi essenzjali tar-reati involuti, li huma dawk ta' kalunja verbali jew diretta [l-Artikolu 110(1)] u taz-zewg forom tas-simulazzjoni ta' reat [l-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Illi bhala provi mhux kontestati jirrizulta li verament kienet dahlet telefonata fid-Depot nhar it-3 t'Ottubru 2008, minn vuci femminili anonima, li din it-telefonata giet rekordjata tant li spiccat esebita fl-atti w li Salvatore Gatt jghid li kienet l-imputata odjerna. Il-kontenut tat-telefonata la hu kontestat u lanqas michud, u cioe' li l-imputata rraportat li Salvatore Gatt kien qed inizzel l-i*stereos* fil-garaxx tieghu.

**L-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 –**

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs David Mizzi**[1] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"I*r-reat ikkontemplat fl-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq,* ***materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm***[2] *bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti,* ***izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna***"[3].

Illi f'kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[4] l-istess Qorti qalet hekk:

[1] *Deciza fis-16 ta' Frar, 1998.*
[2] *Sottolinear ta' din il-Qorti.*
[3] *Sottolinear ta' din il-Qorti.*
[4] *Deciza fis-17 ta' Ottubru,1997.*

"*L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja ssir quddiem awtorita' kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga w eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.*"

Illi dwar il-kalunja reali jew indiretta l-**Professur Sir Anthony Mamo** jghallem li:

"*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority*".[5]

Mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina l-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ngustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li jkunu gew fabbrikati. Illi mill-fattispecie ta' dina l-kawza, jidher illi dana huwa kaz ta' xi fabbrikazzjoni ta' xi provi jew ta' xi fatti li jistghu jintuzaw bhala evidenza f'xi kawza kriminali kontra persuna partikolari. Dana huwa kaz ta' rapport *sic et simplicite* maghmul lill-pulizija, fejn l-imputata intenzjonalment u b'mod volut irrapportat lil Salvatore Gatt lill-Pulizija ezekuttiva tant li hemm okkorrenza relattiva ta' dan ir -rapport fis-sistema tal-PIRS, bil-ghan li jigu institwiti kontra tieghu proceduri bil-Qorti. In effetti jinghad li l-pulizija agixxiet fuq dan ir-rapport, tant li l-Ispettur Carlos Cordina baghat il-pulizija tad-distrett sabiex jaghmlu tfittxija fil-garaxx li gie identifikat lilhom mill-imputata,

5 *Notes on Criminal Law, Vol. II, pagna 58.*

w dan Gatt spicca bil-pulizija gewwa daru jaghmlu *search*. Dan zgur jammonta ghar-reat ta' kalunja.

**L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat -**

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz tal-Ordinanza IX tal-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-Artikolu 211 tal-Kodici Taljan tal-1889. Il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

"*The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. ...* ***This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged*** *... (enfasi tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation,that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of* ***calumnous accusation****(enfasi tal-Qorti)*".

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi** deciza fis-16 ta' Frar 1998 gie deciz:

"*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent*

*jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx*."

**Francesco Antolisei**[6] jelenka erba' elementi biex jissussisti r-reat in kwistjoni:

(1) *"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."*
*(2) "Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."*
*(3) "La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale.... Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."*

*Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu "b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar" (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri lanqas ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew. L-awtur Antolisei jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti tal Kassazjoni fis-sens li "la Cassazione ha affermato in piu` occasioni essere sufficiente che la falsa notizia determini investigazioni o altri accertamenti preliminari da parte, anche soltanto, della polizia giudiziaria. Ed anzi ha asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato. Vedasi, ad es., Cass. 21 febbraio 1962, in Giust. Pen. 1962, II, 609, 572; Id. 28 febbraio 1958, ivi 958, II, 461; Id. 6 luglio 1957, ivi 1958, II, 61; Id. 16 ottobre 1951, ivi 1952, II, 494."*

6 *Manuale di Diritto Privato, Parte Speciale II, pp. 765 -766 (quinta edizione, 1966).*

*(4) "L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."*

Illi maghmula dina l-espozizzjoni legali ta' dan ir-reat, m'hemmx dubbju illi dana huwa il-kaz ta' simulazjoni reali jew indiretta peress illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Mhux hekk biss, izda l-imputata tindika l-persuna supettata - tant li mhux biss identifikat isem Salvatore Gatt, izda tat lill-pulizija ezekuttiva indirizz ta' fejn allegatament kien hemm l-i*stereos* - u ghalhekk certament l-akkuza hi legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew.

Dwar it tielet akkuza, w cioe' li l-imputata ghamlet uzu hazin u mhux xieraq minn apparat tat-telekomunikazzjoni kif kontemplat fl-Artikolu 299(c) tal-Kap. 399, din tirrizulta w dan ghaliex l-uzu li ghamlet l-imputata mit-telefon kien wiehed intiz sabiex jaghmel reat, u cioe' dak tal-kalunja.

Ghalhekk din il-Qorti, rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-**Artikoli 110 (1) u 110 (2) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 49 ( c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddeciedi li ssib lill-imputata MARIELLA HAMMETT hatja tar-reat ta' kalunja w ta' dan tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija liema perijodu qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li l-imputata ghandha kondotta nadifa. Issibha wkoll hatja tar-reat ta' uzu mhux xieraq ta' apparat tat-telekomunikazzjoni w ta' dan ir-reat tikkundannaha thallas multa ta' hames mitt Ewro (€500.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can.)**
**Magistrat**